Marzu 2009 — Nru. 350

# it-Triq

*ma' KRISTU l-ferħ possibbli*

www.it-triq.org






.....chatting

## .....chatting
## **(}sieb fuq il-qoxra ta' barra)**



Wara li tefgħet il-ktieb fuq is-sufan, hija ddeċidiet li tieħu xi ħaġa ta' l-ikel malajr, u terġa' tmur *on-line*. Illoggjat taħt l-isem ta' *ByAngel213* u kif rat il-lista ta' dawk li kienu on-line, intebħet li *GoTo123* kien *on* ukoll. Mal-ewwel baghtitlu messaġġ:
*ByAngel213*: 'Hello. Imn'alla qiegħed *on*! Għax irrid niftaħ qalbi ma' xi ħadd. Taf li llum ħassejt li xi ħadd kien miexi warajja ? Bżajt xi ftit ħej!'
*GoTo123*: 'U ajma … int tara wisq *television.* Għaliex għandu xi ħadd joqgħod isegwik? Fejn toqgħod int hemm ħafna residenti u m'għandekx għalfejn tibza'.'
*ByAngel213*: 'Iva veru. Naħseb li kienet l-immaġinazzjoni qed tiġri bija dak il-ħin. Fil-fatt ma rajt lil ħadd kull darba li dawwart rasi ħa nara.'
*GoTo123*: 'Qed tara. Isma' inti ma fdajtx ismek *on-line* hux?'
*ByAngel213*: 'Le, ma tarax. Mela jiena belgħa!'
*GoTo123:* 'Kellek xi logħba wara l-ħin ta' l-iskola llum?'
*ByAngel213:* 'Iva, u rbaħna!'
*GoTo123:* 'Prosit! Ma' min lgħabtu?'
*ByAngel213*: 'Lgħabna mal-*Hornets*. Qishom naħal b'dawk il-kuluri sofar u suwed li għandhom.'
*GoTo123*: 'It-*team* tagħkom x'jismu fuq kollox?'
*ByAngel213*: 'Aħna l- *Canton Cats*. Għandna tigra mpinġija fuq it-*T-shirts* tagħna … Isma', se jkolli nħallik. Irrid nagħmel il-*homework* qabel ma' ommi u missieri jiġu lura d-dar. Mur oqgħod bil-garr u l-għajjat tagħhom jekk jintebħu li l-*homework* għadni m'għamiltux! Bye.'

*(ikompli f'paġna 4)*

---

Qegħdin niddedikaw din il-ħarġa ta' Marzu 2009 lil ħbieb tagħna li dan l-aħħar għamlu offerti lejn l-ispejjeż tal-fuljett tagħna. Minn qalbna ngħidulhom 'Grazzi'.

**Id-Direzzjoni**

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

**fuljett
ta' kull xahar
mahrug
minn grupp
ta' talb
fost
Il-Haddiema**

**Nru. 350
Marzu 2009**

# Mixja
(editorjal)

Ħbieb,
Ir-Randan bdejnieh, u mexjin fih b'ritmu mgħaġġel. Matul dawn l-erbgħin jum li għaddejjin minnhom, aħna qed nagħmlu mixja. Mixja ta' purifikazzjoni, mixja ta' konverżjoni, mixja ta' tiġdid. Bħala nsara, għalina dan għandu jkun żmien li fih nersqu aktar lejn il-knisja biex niltaqgħu ma' Ġesù.

Dan huwa l-waqt. It-tiġdid irid jibda billi nitolbu aktar, billi nsumu, forsi anki jekk nidhru li qed nimxu kontra l-kurrent. Għax il-bidla li rridu li sseħħ fina trid tkun ta' veru, sinċiera, trid tkun ħaġa serja u mhux bidla tal-kartapesta.

"Inħaslu u tnaddfu, neħħu l-ħażen ta' għemilkom minn quddiem għajnejja, ieqfu mill-ħażen, tgħallmu għamlu t-tajjeb, fittxu d-dritt, sewwu l-inġustizzji. Imbagħad ejjew u nirranġaw flimkien, igħid l-Mulej." Isaija 1:16,18

Dan il-kliem huwa eżami qawwi ta' reviżjoni tal-ħajja tagħna ma' Alla, u ma' l-oħrajn b'mod partikulari fil-familji, fuq il-postijiet tax-xogħol tagħna, kull fejn inkunu.

Ħabib, jeħtieġ li taħfer mingħajr kundizzjoni lil ħuk li weġġgħek; jeħtieġ li timpejna ruħek aktar fil-komunitá nisranija tiegħek; jeħtieġ li tagħraf aktar ir-rieda ta' Alla fil-ħajja tiegħek, kabbar aktar sinċerita', rieda tajba u fiduċja madwarek; ara li ma jkollok xi tgħid ma' ħadd; li tkun lest li tgħin lil kulħadd; ara kif tagħmel sabiex tnaqqas minn dak it-tgergir u tgħallem ħu aktar paċenzja; ftakar dejjem li fid-dinja ma tgħix int biss, u li d-dinja ma nħalqitx għalik biss; fuq kollox ħabib, ara li tkun bniedem ta' talb u sawm f'dawn il-jiem.

B'dan il-mod, kull wieħed u waħda minna, ħajjitna f'dan iż-żmien, tkun mixja fid-direzzjoni t-tajba, li twassalna għand Ġesù.

# The Holy Alphabet

Although things are not perfect
Because of trial or pain
Continue in thanksgiving
Do not begin to blame
Even when the times are hard
Fierce winds are bound to blow
God is forever able
Hold on to what you know
Imagine life without His love
Joy would cease to be
Keep thanking Him for all the things
Love imparts to thee
Move out of "Camp Complaining"
No weapon that is known
On earth can yield the power
Praise can do alone
Quit looking at the future
Redeem the time at hand
Start every day with worship
To "thank" is a command
Until we see Him coming
Victorious in the sky
We'll run the race with gratitude
Xalting God most high
Yes, there'll be good times and yes some will be bad, but...
Zion waits in glory...where none are ever sad!



# *It-tmien beatitudnijiet taż-Żgħażagħ*

*f'okkażjoni ta' Jum iż-żgħażagħ—21 ta' Marzu*



Imberkin dawk li huma żgħażagħ f'qalbhom;
għax huma għad iġeddu d-dinja.

Imberkin dawk iż-żgħażagħ li għandhom
għajnejn safja; għax huma jkunu safja
f'qalbhom.

Imberkin dawk li għandhom il-qawwa
taż-żgħożija;
għax huma jibnu l-ġustizzja u l-paċi.

Imberkin iż-żgħażagħ li huma għatxana
għas-sewwa;
għax huma jsiru d-dawl tad-dinja.

Imberkin dawk iż-żgħażagħ li ma jaqtgħux
qalbhom; għax huma jsaħħu t-tama.

Imberkin dawk iż-żgħażagħ li jimxu 'l
quddiem fit-triq t'Alla; għax huma jsibu
l-Marija għalliema u gwida tagħhom.

Imberkin dawk iż-żgħażagħ li lesti jgħinu
lill-oħrajn; għax huma jibnu s-saltna t'Alla
fost il-bnedmin.

Imberkin dawk iż-żgħażagħ maħbubin u
magħżulin t'Alla; għax huma jiżirgħu
ż-żerriegħa tal-ħbiberija u l-ferħ.



*(ikompli l-ħsieb tal-qoxra)*

*GoTo123*: 'Ok. Nisma' mingħandek aktar tard mela. Bye.'
Sadattant … *GoTo123* mar fil-*menu* tal-membri u beda jfittex dwar il-*profile* ta' By*Angel213*. Meta telgħet il-paġna, huwa pprintjaha, u beda jikteb x'jaf dwarha s'issa …
Isimha: Shannon;
Għeluq sninha: 3 ta' Marzu 1994;
Eta': 15-il sena;
Fejn toqgħod: *North Carolina*;
Passatempi: *soft ball*, il-kor, iż-żfin u l-mużika.
Barra minhekk, issa sar jaf li hi minn *Canton* għax għadha kif qaltlu. Sar jaf li tkun waħedha d-dar minn meta tiġi lura mill-iskola sas-6.30 p.m. kuljum, jiġifieri sa ma' l-ġenituri tagħha jidħlu lura d-dar mix-xogħol.
Huwa jaf li hi tilgħab *soft ball* kull nhar ta' Ħamis wara nofs in-nhar, mat-*team* ta' l-iskola, u li t-*team* jismu l-*Canton Cats*. In-numru favorit tagħha, li huwa n-numru 7, huwa pprintjat fuq it-*T-shirt* tagħha. Huwa jaf li hi qiegħda fit-tmien grad tal-*Canton Junior High School*. Dan kollu qalitulu waqt li kienet tikkomunika miegħu *on-line* fiċ-*chatting* li kien ikollha miegħu. Ħaġa ta' l-għaġeb, kif kelma ġġib 'il oħra. U issa kellu nformazzjoni biżżejjed sabiex ifittixha u jsibha.

Shannon ma qaltilhomx lil ommha u lil missierha dwar dak li ġralha hija u sejra lura d-dar. Riedet tevita x-xenati li jistgħu jagħmlulha ommha u missierha, u ma riditx tħallihom iwaqqfuha milli tmur lura d-dar waħedha mil-logħob tas-*soft ball*. Kienet taf tajjeb kemm il-ġenituri tagħha jippanikkjaw, u għaldaqstant kienet tixtieq li ma kenitx tifla unika, għax kieku kellha ħutha, kieku forsi l-ġenituri tagħha ma kinux ikunu daqshekk protettivi.

Sal-Ħamis hi kienet insiet dwar dawk il-passi ta' xi ħadd li donnu kien segwiha għal għonq it-triq. Kienet mehdija waħda sew tilgħab meta f'daqqa waħda ħasset lil xi ħadd iħares ċass lejha. Kien appuntu f'dak il-mument meta ftakret fil-passi … Ħarset lil hinn u, iva, kien hemm raġel iħares fiss lejha. Saħansitra tbissem lejha meta hi ħarset lejh. Ma deherx li hu tal-biża' pero' …

*(ikompli fil-paġna li jmiss)*

*(ikompli mill-paġna ta' qabel)*

Wara l-logħba, reġgħet ħarset lejh, u hu reġa' tbissmilha. Meta għaddiet minn quddiemu, hu osserva isimha fuq wara tat-*T-shirt* tagħha. Iva, kien sabha faċilment.

Beda jżomm id-distanza waqt li beda miexi warajha hekk kif bdiet sejra lura d-dar. Ma kenitx toqgħod 'il bogħod mill-*ground*. Issa xogħlu kien biss li joqgħod jistenna.

Shannon kienet fil-kamra tagħha dak in-nhar filgħaxija meta semgħet il-vuċijiet ġejjin mis-salott isfel.
'Shannon, isma' naqra,' għajtilha missierha. Instema' inkwetat. X'seta' ġara? Hija niżlet isfel, daħlet fis-salott u hemm, bil-qiegħda fuq il-pultruna, sabet lir-raġel li kien qagħad iħares lejha u jitbissmilha fil-*ground.*
'Poġġi bil-qiegħda,' qalilha missierha. 'Dan ir-raġel għadu kif qalli storja nteressanti ħafna dwarek.'
It-tifla poġġiet bil-qiegħda mħassba. X'seta' qallu dan ir-raġel misterjuż? Qatt ma kienet ratu qabel illum!
'Taf min jien Shannon?' saqsieha r-raġel.
'Le,' weġbitu hija.
'Jien uffiċjal tal-puluzija u ħabibek *GoTo123*.'
Shannon inħasdet. 'Kif jista' jkun! Ħallina! *GoTo* huwa ta' mpari fl-eta', għandu erbatax-il sena u joqgħod *Michigan*!'
Ir-raġel tbissem. 'Naf li hekk għidtlek, imma mhux hekk hu! Kun af, Shannon, li hemm nies *on-line* li jilagħbuha tabirruħhom li huma tfal u żgħażagħ ta' l-eta' tagħkom; jien wieħed minnhom. Imma waqt li l-oħrajn jagħmlu dan biex jagħmlu l-ħsara lilkom iż-żgħażagħ, jiena nagħmel parti minn grupp ta' ġenituri li jagħmlu dan sabiex jipproteġukom minn dawk li lesti jagħmlulkom il-ħsara. U appuntu għalhekk ġejt insibek, sabiex nurik kemm hu perikoluż li toqgħod titkellem man-nies *on-line*. Mingħajr ma ntbaħt, int għidtli biżżejjed dwarek li għamiltha faċli li nsibek. Semmejt l-iskola fejn tmur, l-isem tat-*team* li tilgħab miegħu u l-pożiżżjoni tiegħek fit-*team*. Għaraftek mal-ewwel min-numru tat-*T-shirt* li għidtli li tilbes.

Shannon instamtet. 'Allura inti m'intix minn *Michigan*?'

*(ikompli fil-paġna li jmiss)*

*(ikompli mill-paġna ta' qabel)*

Ir-raġel tbissem. 'Le, jiena noqgħod *Raleigh*. Ħassejtek rasek mistrieħa hux għax mingħalik li jien noqgħod 'il bogħod.'

Hija għamlet sinjal b'rasha li iva.

'Wieħed mill-ħbieb tiegħi kellu tifla l-istess eta' tiegħek. Pero' ma kelliex xortiha tajba bħalek. Ir-raġel li kien jitkellem magħha *on-line* sabha u qatilha f'darha stess meta kienet waħedha. It-tfal huma mwissija biex ma jgħidu lil ħadd meta jkunu waħedhom, u b'dana kollu jistqarru dan il-ħin kollu waqt li jkunu *on-line*. Qabel ma tkun intbaħt, inti tkun għidtilhom bizzejjed sabiex isibuk, bil-konsegwenzi ferm koroh li jistgħu jinqalgħu wara. Nispera li issa tgħallimtha l-lezzjoni, u li ma terġax tissogra ħajtek *on-line*! U avża lil ħbiebek ukoll dwar dan, biex huma wkoll jevitaw il-ħsara. Twiegħdni dan?'

Shannon, li issa fehmet sew il-lezzjoni, stqarret: 'Inwiegħdek.'

---

# Kors ta'<br>Eżerċizzi Spiritwali



Bħalma tafu, matul dan ix-xahar, ir-Randan qiegħed fl-aqwa tiegħu, bi tħejjija sħiħa għall-festa hekk importanti ta' l-Għid il-Kbir.

Kif għamilna kull sena, ser norganizzaw l-Eżercizzi Spiritwali għall-Ħaddiema tal-Gvern u Ħbieb.

Dettalji ta' dawn l-Eżerċizzi huma li ġejjin:

| | |
|---|---|
| *Id-dati huma:* | Mit-Tnejn 23 sal-Ġimgħa 27 ta' Marzu, 2009; |
| *Il-post hu*: | Il-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt |
| *Il-ħin hu*: | Fin-12.35 pm (matul il-Break) |
| *Il-kelliemi hu*: | Il-Kanonku Carm. Refalo, Arċipriet tax-Xagħra, Gozo |

Ħbieb, inħeġġukom sabiex magħna tattendu għal dawn il-laqgħat li issa saru ferm popolari magħkom.

---

Either speak well of your nieghbour or keep quiet

*St John Bosco*

# Jim Caviezel

Meta Mel Gibson kien qed jaħdem fuq il-film "The Passion of the Christ" wasal biex jiddeċiedi min kien se jagħmel il-parti ta' Kristu. L-għażla waqgħet fuq Jim Caviezel, attur żagħżugħ li forsi ftit konna nafu bih. Min hu Jim Caviezel?

Jim hu miżżewweġ lil Kerri u t-tnejn huma Kattoliċi ferventi, u t-tnejn li huma favur il-ħajja. F'intervista, Jim darba stqarr li kellu sfida mingħand ħabib tiegħu li jekk hu veru favur il-ħajja, jaddottaw tifel jew tifla b'diżabilitá. Ħabibu ma kienx jaħsibha favur il-ħajja.

Jim u Kerri marru ċ-Ċina biex jaddottaw tarbija. Sabu tifel ta' 5 snin li kien ibati minn tumur f'moħħu u ħaduh lura magħhom. Semmewh Bo u tawh il-kura meħtieġa. Meta reġgħu marru biex jaddottaw it-tieni tarbija, offrewlhom diversi tfal, iżda l-għażla waqgħet fuq tifla ta' 5 snin li wkoll kellha tumur f'moħħha. Il-ħabib tagħhom, li għamel l-isfida, meta ra dan kollu, bidel fehemtu bis-sħiħ, u sar jemmen fil-ħajja.

Jim jammetti li huma għażlu t-triq l-iebsa, u jistqarr: "Dik hi l-Fidi! Trid tkun is-Samaritan it-tajjeb. Il-Fidi tgħinnek biex mhux turi x'tixtieq, imma twettaq dak li tixtieq. Iva, tħoss il-biżá, tħoss il-qtigħ il-qalb, imma l-barkiet li tgawdi wara li tkun ħadt l-azzjoni mibnija fuq il-Fidi, huma kbar".

Meta dan l-aħħar staqsewh x'diffikultajiet isib biex iġib ruħu ta' Kattoliku prattikanti f'Hollywood, Jim wieġeb: "Hi parti mis-salib li jkollok iġġorr meta temmen fiH (Ġesù). Ilkoll għandna x-xewqa li nkunu popolari...iżda dak li għandna nagħmlu hu li nitolbu 'l Alla jgħinna nkunu umli.

Kienet din il-persważjoni fit-twemmin tiegħu li ġiegħlet lil Mel Gibson li joffri l-parti ta' Kristu lil Jim Caviezel.

## The family



**Only by praying together with their children can a father and a mother - exercising their royal priesthood - penetrate the inner-most depths of their children's hearts and leave an impression that the future events in their lives will not be able to efface.**

# Il-Mulej qed jistennik.

Iva, lilek qed ngħid.
Il-Mulej qed jistiednek biex għal dan ir-Randan
tgħaddi ġurnata fil-kwiet Miegħu.

Dan l-Irtir ser isir il-Ħadd, 29 ta' Marzu 2009
Il-post fejn ser issir se jkun is-St Joseph Retreat House, Rabat.
L-Irtir jibda għall-ħabta tad-9.15am u jispiċċa għat-3.00pm,
u ser jinkludi Quddiesa.

Ser imexxi din il-ġurnata Fr Klement Azzopardi, Tereżjan.
Il-ħlas, li jinkludi t-tè ta' filgħodu, l-ikla ta' nofs in-nhar,
u l-użu tal-post, hu ta' €14.

Trid tkun taf aktar dettalji? Trid tinkiteb għal dan l-Irtir?
Mela jekk jogħġbok, ċempel fuq in-numru 2144 0384.

Ftakar li l-Mulej qiegħed jistennik!

## Għeżież Benefatturi u Ħbieb,



## Nifirħu flimkien għax din hi t-350 ħarġa tal-fuljett tagħna u tagħkom: "IT-TRIQ". Mulej żomm idejk fuqna.

# Nizzel fid-Djarju tieghek



**Il-Ġimgha, 6 ta' Marzu, 2009**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
Ikollna Quddiesa fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt.
Il-ħin ikun fin-12.35pm

**Il-Ħamis, 19 ta' Marzu, 2009**
Festa ta' San Gużepp
Nagħtu ġieħ lil dan il-qaddis kbir billi nersqu lejn il-Quddies u t-Tqarbin.

**Mit-Tnejn, 23 ta' Marzu, sal-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2009**
Eżerċizzi Spiritwali
Fil-ħin tal-Break, jiġifieri fin-12.35 pm, ser ikollna l-Kors ta' l-Eżerċizzi Spiritwali fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt.
Aktar dettalji ssibuhom f'paġna 6 ta' din il-ħarġa.

**Il-Ħadd, 29 ta' Marzu 2009**
Ġurnata mal-Mulej
Ikollna jum ta' ġabra flimkien mal-Mulej u magħkom, ħbieb tagħna. Id-dettalji kollha ta' dan l-Irtir issibuhom f'paġna 8 ta' din il-ħarġa.

---

## *Niftakru fit-talb tagħna ...*



... Fir-ruħ ta' SAVIOUR CASSAR, li jiġi missier Anna Cassar li taħdem fid-Dipartiment tar-Relazzjoni Industrijali u Impieg;

... Fir-ruħ ta' ANTHONY DEMICOLI, li jiġi missier Karen Camilleri li taħdem l-Entitlement Section fil-Ministeru tas-Saħħa.

# Rokna Cajt

Anġlu: ‘Żar, int il-mara tiegħek kif tilqgħek meta tidħol id-dar?’
Żaren: ‘Tibda titfagħli l-fjuri.’
Anġlu: ‘Isa ħej! U allura kif għandek dik il-*black eye*?’
Żaren: ‘U … għax meta titfagħhomli ma toqgħodx tiskomoda ruħha u twaddabhomli bil-qasrija b’kollox!’

‘Smajt li l-bankier telaq malajr l-Isvizzera.’
‘Possibbli? Daqskemm jieħu interess tal-klijenti tiegħu!’
‘Il-ħażin hu, li mhux biss l-interess ħa, imma anki l-kapital!’



Joe: ‘Sliftni ktieb imqatta’ kollu.’
Salvu: ‘Veru taf, għax dak huwa l-istess ktieb li nislef lis-seftura kull nhar ta’ Ħadd.’
Joe: ‘Kif? Is-seftura ma tixbax taqra dejjem l-istess ktieb?’
Salvu: ‘Dejjem l-istess ktieb, pero’ mhux dejjem l-istess seftura.’

Kull korrispondenza g]andha tintbag]at lil:

Paul Schembri

73 ‘Terezita’, Triq Birbal, Balzan BZN 9015

Tel: 21440384